MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-18 ta' Awwissu, 2012

Numru. 877/2012

**Il-Pulizija**
**Spettur Godwin Scerri**
**Spettur Luke Bonello**
**vs**
**Giuseppe Bellissimo**
**Vito Borges**
**Davide Sufre'**
**Vincenzo Galato**

Il-Qorti;

Rat li l-imputati Giuseppe Bellissimo ta' 27 sena, iben Francesco u Rosa xebba Mercuri, imwieled gewwa l-Italja nhar l-14 ta' Jannar 1985, residenti gewwa Kamra numru 208 St Julian's Bay Hotel Balluta, Main Street, San Giljan u detentur tal-karta tal-identita' Taljana b'numru AO 5600658 u l-imputat Vito Borges ta' 25 sena, iben Salvatore u Concetta xebba' Vecchie', imwieled gewwa l-Italja nhar id-29 ta' Awissu 1986, residenti gewwa Kamra numru 108 St Julian's Bay Hotel, Main Street Balluta, San

Giljan u l-imputat Davide Sufre’ ta’ 26 sena, iben Nicola u Concetta xebba Zerbi, imwieled gewwa l-Italja nhar it-28 ta’ Mejju 1986 u residenti gewwa Kamra numru 108 St Julian’s Bay Hotel, Main Street, San Giljan Balluta u detentur ta’ karta ta’ l-identita’ Taljana b’numru AT 4752082 u Vincenzo Galato ta’ 23 sena, iben Pasquale u Letizia xebba Papaluca, imwieled gewwa l-Italja nhar l-30 ta’ Gunju 1989, residenti gewwa Kamra numru 108, St Julian’s Bay Hotel, Main Street Balluta, San Giljan u detentur tal-karta ta’ l-identita’ Taljana b’numru AO 4752081 gew mressqa quddiemha akkuzati talli:

F’San Giljan nhar il-14 ta’ Awissu 2012, wara nofs in-nhar, wetqu attentat vjolenti ghall-pudur ghad-detriment ta’ Constance Maillard de la Morandias ta’ 18-il sena;

Il-Qorti kienet mitluba li tohrog ordni ta’ protezzjoni ai termini ta’ l-Artikolu 412 (C) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f’kaz ta’ htija ma’ kull piena li l-Onorabli Qorti jidrilha xierqa.

F’kaz ta’ htija l-Qorti kienet mitluba li biex tipprovdi ghas-sigurta ta’ Constance Maillard de la Morandias u l-familja taghha ai termini ta’ l-artikolu 383 et sequitur, tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-18 ta’ Awwissu 2012 iddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputati kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar it-18 ta’ Awwissu 2012 ghall-akkuza migjuba fil-konfronti taghhom.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputati wiegbu li huma hatja, din il-Qorti wissiethom b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba taghhom u taghthom zmien xieraq sabiex jekk iridu jergghu lura minnha u kien biss wara li staqsiethom it-tieni

darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni taghhom.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputati, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputati hatja ta' l-akkuza kif dedotta kontra taghhom.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputati ammettew fi stadju bikri tal-proceduri, kkunsidrat l-fatt li ghandhom fedina penali netta u kkunsidrat l-fatt ukoll li l-imputati skuzaw ruhhom mal-parti leza ghall-akkadut u ddispjacihom ghal dak li gara.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 207 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputati hatja tal-imputazzjoni migjuba fil-konfronti taghhom kif minnhom ammessa u tikkundannahom hames(5) xhur prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta' sena(1) millum.

Wara li rat l-Artikoli 392 A (2) u 401 (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tordna li l-atti kollha ta' dan il-process flimkien ma kopja tas-sentenza jintbghatu lill-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------